MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 28/2014

**Paul Farrugia K.I. 107467(M) u**
**John Farrugia K.I. 499868(M)**
**eżerċenti l-kummerċ f'isem id-ditta "Farrugia Lighting and Interiors"**

**vs.**

**Alexia Chopping**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2014 fejn l-atturi talbu mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' tliet mija u sebgħin Ewro (€370) liema somma tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija li ġiet ordnata minn u kkonsenjata lill-konvenuta, li minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-ħlas, baqgħet inadempjenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u sebgħin Ewro (€370), bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta' Jannar 2014, li hija d-data tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------